KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 21

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

It-Tnejn 26 ta' Ġunju, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'

ASSENTI

Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, u s-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra.

21.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 20 li nżammet nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

21.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

## 21.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa Ġenerali Annwali*

21.3.1 Il-President, Anthony Chircop, irringrazzja lill-membri preżenti talli attendew għal din il-laqgħa li nżammet nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju 2023.

- *Kuntratt bejn ir-Reġjuni u l-PROs*

21.3.2 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li kienet nżammet nNhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2023 fejn hu flimkien mas'-Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċjal Manigerjali tal-Waste kienu preżenti għall-laqgħa li ġiet imsejħa mid-Diviżjoni għal-Gvern Lokali sabiex jiġi diskuss dan il-kuntratt li ser ikun qed jiġi ffirmat mal-Greenpak u GreenMT.

21.3.3 Is-Sur Sur Chircop spjea kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, id-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Chris Galea, il-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava.

21.3.4 Is-Sur Chircop qal ukoll kif dan il-kuntratt kien ġie iffinalizzat skond il-kummenti li kienu ingħataw mir-Reġjun u bi qbil mill-Greenpak u GreenMT, dan il-kuntratt ser ikun qed jigi ffirmata nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2023.

21.3.5 *17:45 - Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, waslet għal din il-laqgħa.*

- *Parkeġġi għall-Kick Scooters*

21.3.6 Il-President għamel referenza għal komunikazzjoni mingħand Transport Malta u talab sabiex dawk il-Kunsilli Lokali ikkonċernati (Pembroke, Birkirkara, Imsida, Ta' Xbiex u Swieqi) jaraw li jgħatu l-kummenti tagħhom sad-data stipulata.

21.3.7 *17:55 – is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, wasal għal din il-laqgħa.*

21.3.8 Inżemmet diskussjoni qasira dwar dan bejn il-membri preżenti dwar dawn il-parkeġġi.

- *Laqgħa ma' Transport Malta*

21.3.9 B'referenza għal din il-laqgħa, is-Sur Chircop informa lill-membri kif din kellha tiġi posponuta għal data oħra f'Lulju 2023 peress li is-CEO ta' TM, is-Sur Jonathan Borg, kellu laqgħa oħra b'urġenza.

- *Kuntrattur tal-Ġbir ta' l-Iskart*

21.3.10 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni li ġiet provduta mill-kuntrattur, Galea Cleansing Solutions dwar l-iskips li jinsabu ġewwa Pendergardens, MiDi, Fort Cambridge, u Busietta Gardens.

21.3.11 Is-Sur Chircop spjega kif fuq approvazzjoni tal-membri, din il-kwotazzjoni kienet ser tiġi mressqa lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni.

23.3.12 Is-Sur Chircop qal ukoll kif dan l-ammont ser ikun qed jaffettwa lill-Kunsill Lokali rispettiv u mhux kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

23.3.13 Is-Sur Chircop żied jgħid kif jekk ikun hemm piż fuq il-Kunsilli Lokali aktar minn dak mgħoti fl-allokazzjoni, din il-problema għandha tiġi ndirizata bħala Reġjun sabiex l-allokazzjoni tkun qedha tkopri dan il-ħlas u l-Kunsilli ma jkunux qed joħorġ u fondi minn ġewwa.

23.3.14 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament dwar l-għoli fir-rata tat-*tipping fees* fuq il-borża s-sewda.

23.3.15 Is-Sur Chircop spjega kif din qed tkun bħala disinċentiva pero jekk ikun hemm xi ħadd li mhux ikopri din l-ispiża għandu jressaq din il-problema bil-miktub lir-Reġjun u lid-Dviżjoni għal-Gvern Lokali.

23.3.16 Is-Sur Dalli fakkar lill-membri kif dan is-suġġett kellu jiġi diskuss fl-eżekuttiv ta' l-AKL peress li din id-differenza li qabel kienu qed jintużaw sabiex isiru proġetti ta' tisbieħ u ndafa fir-raħal, b'din ir-rata l-Kunsilli Lokali mhux qed jifdallom xejn.

23.3.17 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif f'kull laqgħa li kienet qed tinżamm fuq il-ħlas marbut ma' dan il-kuntratt, id-Diviżjoni dejjem għamlitha ċara li l-ammont sħieħ dovut għal dan il-kuntratt fl-allokazzjoni ma jistax jiġi wżatt għall-proġetti oħra.

23.3.18 Is-Sur Dalli qal li d-Diviżjoni spjegat li jekk ikun hemm deskrepanza fl-ammont dan ser jiġi diskuss wara tmiem is-sena.

23.3.19 Is-Sur Chircop qal kif kien qed jifhem l-argument li qajjem is-Sur Dalli pero mhux argument li jistà jiġi msostni b'mod uffiċjali.

23.3.20 Il-President emfasizza l-importanza ta' l-irwol tal-Kunsilli Lokali sabiex jaraw u jindirizzaw il-problemi ta' boroż u skart goff li qed jiġu mgħormija barra mill-iskeda u li ilhom snin ikunu ta' problema.

23.3.21 Inżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti fejn is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, tenna li l-Kunsill Lokali għandu jkollu sistema bħal m'għandhom il-Housing u kull blokka tiġi rreġistrata għand il-Kunsill rispettiv biex jekk jinstab xi abbuż, il-Kunsill flimkien ma' l-entità tkun tistà tieħu l-passi neċċessarja.

23.3.22 Il-President enfasizza li kull Kunsill Lokali jrid iġorr ir-responsabilità tiegħu wkoll f'dan is-suġġett mhux l-entitatijiet ikkonċernati w l-kuntrattur biss.

## 21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

21.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 21.5 Preżentazzjoni mill-Maniġer tal-Ambjent – is-Sa Andrea Borg Brincat

21.5.1 Il-President stieden lis-Sa Borg Brincat sabiex taqsam mal-membri l-proġetti li qedha taħdem fuqhom fil-preżent.

21.5.2 Wara spjegazzjoni li ngħatat mis-Sa Borg Brincat, is-Sur Chircop talab lill-membri jekk kienx hemm xi mistoqija li xtaqu jindirizzaw.

21.5.3 Il-membri preżenti talba aktar informazzjoni dwar l-iskema ta' fondi fuq il-latrini pubbliċi.

21.5.4 Il-President u s-Sa Andrea Borg Brincat spjegaw fit-tul dwar il-pożizzjoni preżenti u kif mit-tnax-il Kunsill Lokali kien hemm interess minn ħames Kunsilli Lokali biss (Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Swieqi, Ħal Lija, Għargħur u Pembroke).

21.5.5 Is-Sur Chircop spjega kif peress is-sejħa kienet tispeċifika li għandu jkun hemm mill-inqas sitt Kunsilli Lokali li jridu jidħlu f'dan il-proġett, is-Sa Borg Brincat kienet talbet lid-Diviżjoni (SPI) sabiex nivverifikaw jekk ir-Reġjun hux possibli japplika għal dawn il-ħames lokalitajiet biss, pero Birkirkara kienet qed tissotmetti żewġ applikazzjonijiet għal żewġ latrini differenti.

21.5.6 Il-President spjega kif matul dan il-proċess kien qed ikun hemm referenza mingħand il-Perit XX pero peress li kienet qed tkun diffiċli biex issir laqgħa miegħu dwar dan, is-Sur Chircop infurmhom li jaf dan il-konsulent ikollu jinbidel.

21.5.7 Il-membri preżenti approvaw sabiex din il-proposta tiġi mressqa lid-Diviżjoni bit-tama li din tiġi milquha u l-fondi ma jkunux intilfu. Aġġornament dwar din jingħata fil-laqgħa li jmiss.

21.5.8 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija, il-President irringrazzja lis-Sa Borg Brincat tal-presentazzjoni u spjegazzjoni tagħha.

21.5.9 Is-Sa Borg Brincat irringrazzjat lill-membri preżenti u ġiet skużata mill-laqgħa.

## 21.6 Rapporti

21.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 21.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali*

21.7.1 B'referenza għal dawn il-pożizzjonijiet, is-Sur Chircop spjega kif s-sejħa taż-żewġ maniġers – Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali u Uffiċjal Reġjonali ta' l-IT reġgħu ġew ippublikata u ġew magħluqa, f'nofsinhar, it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023.

21.7.2 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni l-bord kompost minnu flimkien mas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku tal-Gżira, Dott Conrad Borg Manche flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgħu nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023 sabiex jinżammu l-intervisti.

21.7.3 Is-Sur Chirop żied jgħid kif inżammu żewġ intervisti għal kull pożizzjoni u l-bord irrakomanda lis-Sur David Sammut għall-pożizzjoni ta' IT Manager u lis-Sa Sephora Borg għall-pożizzjoni ta' EU/Local Funds Manager.

21.7.4 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni u għal din ir-raġuni s-Sur Chircop talab lis-Segretaju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-applikanti rispettivi dwar din id-deċiżjoni.

21.7.5 Il-President għamel referenza għas-sejħa tal-Maniġer tal-Kultura fejn din kienet inħarġet sejħa esternament nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju 2023 u peress li kien hemm numru ta' applikazzjonijiet eleġibli sal-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2023, il-bord kompost mill-President flimkien ma' Dott Conrad Borg Manche u is-Sur John Pillow iltaqgħu l-uffiċċju amministrattiv nhar il-Ħamis 1 ta' Ġunju 2023.

21.7.6 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif is-Sa Marcon Borg Caruana kienet qed tiġi rrakomandata għall-approvazzjoni.

21.7.7 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni u s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tinforma lill-applikant dwar din id-deċiżjoni.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant*

21.7.8 B'referenza għal din il-pożizzjoni, il-President informa lill-membri kif sad-data ta' l-għeluq (il-Ħamis 8 ta' Ġunju 2023) dan ir-Reġjun kien irċieva applikazzjoni waħda minn din is-sejħa interna mal-Kunsilli Lokali Reġjonali u għal din ir-raġuni, l-bord kompost mil-President flimkien mas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqa sabiex tinżamm din l-intervista nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2023.

21.7.9 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif il-bord irrakomanda lil din l-applikanta sabiex tkun approvata f'din il-laqgħa madanakollu hu spjega kif peress li l-applikanta fil-preżent taħdem f'wiehed mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun, l-isem ma kienx ser jintqal qabel din tkun aċċettat din il-pożizzjoni.

21.7.10 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni u s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jinforma lill-applikanta dwar dan.

- *Clerk fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant (Scale 15)*

21.7.11 B'referenza għal din il-pożizzjoni, is-Sur Chircop informa lill-membri kif nhar il-Ħamis 8 ta' Ġunju 2023 is-Segretarju Eżekuttiv kienet irċiviet ittra ta' riżenja mingħand l-impjegata, is-Sa Maya Grech Rogers.

21.7.12 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni, din is-sejħa kellha terġa tinħareġ esternament nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju 2023. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2023 u skond l-applikazzjonijiet li jkunu waslu, l-bord ikun jistà jiltaqa u jżomm l-intervisti neċessarji.

- *Part Time Cleaner (Scale 18)*

21.7.13 Il-President spjega kif l-uffiċċju żdied b'numru kbir ta' impjegati u kif s-servizz ta' ħassiela darba fil-ġimgħa mhux qed ikun biżżejjed. Għal din ir-raġuni s-Sur Chircop ippropona sabiex jiġi ngaġġat persuna mhux klerikali sabiex naraw li jkun hemm indafa kemm fl-uffiċċju amministrattiv kif ukoll fl-uffiċċju tat-Tribunal Lokali.

21.7.14 Il-membri preżenti approvaw din it-talba u għal din ir-raġuni din it-talba ser tkun qed tiġi mressqa għall-approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u Jobsplus.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time fit-Tribunal Lokali*

21.7.15 Il-President ressaq talba sabiex tinħareġ sejħa sabiex tiġi ngaġġata persuna biex tgħin fix-xogħol tat-Tribunal Lokali b'mod speċjali fin-nuqqas ta' waħda mill-ħaddiema li ser tkun qed toħrog bil-leave tal-maternita fi ftit ġimghat oħra.

21.7.16 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

## 21.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Proġett - Rotta tal-Fenici*

21.8.1 Il-President spjega kif nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa onlajn dwar idea li kienet qed tiġi proposta mill-Kunsill Reġjonali tal-Punent fejn ser ikun qed jieħu ħsieb jorganizza proġett u avvenimenti relatati ma' dan.

21.8.2 Is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun kien qed iġi mitlub sabiex jissieħeb f'dan il-proġett u jikkontribwixxi finanzjarjament.

21.8.3 Inżammet diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti u peress li fir-Reġjun ma hemm l-ebda konnessjoni ma' dan, ir-Reġjun mhux ser ikun qed jipparteċipa.

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

21.8.4 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill fejn spjegaw kif nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju 2023 għandha tinżamm *Open Sports Day* bejn id-9 ta' filgħodu u s-1 ta' wara nofsinhar fl-*outdoor area* ġewwa l-iskola Sekondarja ta' Santa Theresa, Birkirkara.

21.8.5 Is-Sur Chircop ressaq talba oħra mill-istess Kunsill Lokali sabiex issir applikazzjoni konġunta u l-Kunsill ikun jistà jibbenefika mill-fondi kollha tad-Development Planning Fund. - GS/50010/2023 - Demolition and reinstatement of pavement at Triq iċ-Ċeżalpina. Pavement width to remain as existing.

21.8.6 Il-membri preżenti approvaw it-talbiet imressqa minn dan il-Kunsill Lokali.

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

21.8.7 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex tinżamm attività sportiva nhar il-Ġimgħa 7 ta' Lulju 2023 fejn - Kirja tal-ground, l-amministrazzjoni ta' l-attivita' u l-faċilitajiet ta' l-għaqdiet ta' l-isport ġo raħal - €1,500.00; Tifkira lit-tfal kollha li jattendu din l-attivita' - €400.00; Tifkira lil għaqdiet parteċipanti - €200.00; Loġistika tal-ground, sound u kiri ta' l-equipment - €900.00.

21.8.8 Il-President żied jgħid kif nhar it-Tlieta 6 ta' Ġunju 2023, dan ir-Reġjun irċieva talba oħra mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi ta' Proġetti Kultura, Sports, Mużika, Jum il-Lokal, Baned juża €500.00 biex jingħataw lill-Lija Athletic FC ġewwa Ħal Lija biex isir manutenzjoni ta' turf tal-*ground.*

21.8.9 Il-membri preżenti approvaw dawn it-talbiet imressqa.

- ***Kunsill Lokali ta' l-Imsida***

21.8.10 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex bil-fondi relatati mat-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 tkun tistà tinżamm ġostra bejn l-Imsida u San Giljan f'Lulju jew Awwissu 2023 fejn bih jinxtara x-xaħam u *trophies* (madwar €300); jinżamm *tournament* tal-Badminton f'Settembru jew Ottubru ġewwa St Martins School €120, shuttlecocks €80 (€200); programm 'Active in the Pjazza' fejn ser jinżamm sports differenti fosthom yoga, zumba, basketball, handball (€600); u SEA-EU Football Tournament - trasport, medalji.

21.8.11 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- ***Kunsill Lokali tas-Swieqi***

21.8.12 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiexx mill-fondi relatati mat-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 jkun jistà jorganizza 'Swieqi Run' li tinżamm nhar it-8 ta' Settembru 2023.

21.8.13 Is-Sur Chircop spjega kif il-kumplament tal-fondi ser ikunu qed jintużaw sabiex jinżamm Futsal Tournament li qed jiġi organizzat mill-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex.

21.8.14 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- ***Kunsill Lokali ta' Pembroke***

21.8.15 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi relatati mat-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 jkun jista jalloka l-ammont ta' €1,100 għall-attività li ser jorganizzaw Pembroke Karate Club f'Settembru. Żied jgħid ukoll kif il-bilanċ ta' €1,232.26 ser jiġi allokat għat-tornament tal-futsal kif propost mill-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex. Hekk kemm il-darba dan it-tornament ma jseħħx, il-Kunsill għandu riserva ta' attivitajiet oħra li jista' jagħmel biex jagħmel użu mill-massimu tal-fondi allokati.

21.8.16 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- ***Kunsill Lokali ta' Pietà***

21.8.17 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi relatati mat-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 jkun jistĠ jinżamm Football Festival tal-U11 li jkun jinkludi logħob u 7 a-side fil-vaganzi ta' Novembru 2023.

21.8.18 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- ***Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex***

21.8.19 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex jinżamm tournament tal-Futsal f'Malta taħt it-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 u jiġi mistieden tim internazzjonali. Jixtieq li l-fondi jkunu mqasmin mal-Kunsill Lokali ta' Pembroke u Swieqi. Dettalji għandhom jingħataw aktar 'il quddiem peress li dan l-avveniment ser ikun qed issir aktar 'il quddiem.

21.8.20 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' Għargħur*

21.8.21 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex bl-ammont ta' €1,028.96 ikun jista' jsir kunċert minn Skald b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Għargħur u l-Kunsill Reġjonali Lvant.

21.8.22 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Victim Support Agency*

21.8.23 Il-President informa lill-membri preżenti dwar seminar li ġie organiżżat nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2023 ġewwa l-Kunsill Lokali tas-Swieqi. Għal dan is-seminar kienu mistiedna s-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema klerikali.

21.8.24 Is-Sur Chircop spjega kif sfortunatament l-attendenza kienet baxxa u kien hemm rappreżentazzjoni minn ħames lokalitajiet – Sliema, Swieqi, Pembroke, Għarghur, u San Ġiljan.

21.8.25 Is-Sur Chircop irringrazzja mill-ġdid lill-Kunsill Lokali tas-Swieqi talli ospitaw din il-laqgħa.

- *Building a Health & Safety Culture in Local Government'*

21.8.26 Il-President għamel referenza għal saminar li inżamm nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju 2023 fejn hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġers tar-Reġjun kienu preżenti.

21.8.27 Is-Sur Chircop spjega kif waqt dan il-kors in-nies preżenti ġew aktar konxja tar-responsabilitajiet li qed tiġi mpoġġija fuq is-Segretarji Eżekuttivi ġaladarba jkun hemm element perikoluż fil-lokalità rispettiva. Għal din ir-raġuni dan is-suġġett ġie diskuss waqt il-laqgħa ta' l-eżekuttiv ta' l-AKL sabiex dan is-suġġett jiġi diskuss iktar fil-fond.

21.8.28 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif is-Segretarju Eżekuttiv qedha tiġbor kwaotazzjonijiet neċessarja sabiex jerġa jinżamm il-kors tal-Basic First Aid u dan għandu jiġi offrut lil żewġ persuni mir-Reġjun u mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

21.8.29 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

- P*roġett - Starter Packs*

21.8.30 B'referenza għal dan il-proġett il-President ressaq fuq il-mejda diversi tliet kwotazzjonijiet għal kull prodott li kellu jinxtara b'konessjoni ma' dan il-proġett:

| | | |
|---|---|---|
| Corporate Gifts Malta | 1265 sets of Pencil case with printing together with recycled wooden pencil, cardboard ball pen, wooden ruler, eraser and wooden pencil sharpner | €5,896.17 |
| Merchandise Malta | 1300 sets of 12 pencil colours | €1,478.28 |
| Botanical Paper Works | 1300 Customised Pencil Sleeves made from seed paper | €1,694.00 |
| Bargate Gozo | 1300 Customised Sprout Pencils | €1,840.80 |
| Corporate Gifts Malta | 4 Customised Tote Bags | €25.49 |

| | | |
|---|---|---|
| Happy Pot | 100 Customised sustainable pots | €1,298.00 |
| | **TOTAL GĦAL DAN IL-PROĠETT:** | **€10,538.74** |

21.8.31 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjonijiet provduta.

- *Laqgħat tal-Kunsill Reġjonali Lvant*

21.8.32 Il-President spjega kif ix-xogħolijiet fl-uffiċċju amministrattiv kienu lesti u peress li l-kuntratt li kellu dan ir-Reġjun mal-lukanda Urban Valley Resort and Spa kienet ser tasal fi tmiema, talab direzzjoni mill-membri jekk il-laqgħat għandhomx jibqgħu jinżammu ġewwa din il-lukanda jew fil-boardroom l-uffiċċju amministrattiv.

21.8.33 Il-membri preżenti qablu li għandhom jippruvaw jgħamlu l-laqgħa li jmiss f'uffiċċju amministrattiv sabiex jaraw jekk il-post ikunx akkomodabbli biżżejjed peress li nieqes minn ċertu spazzju.

## 21.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

21.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

21.9.2 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 18A u 18B.

21.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 21.10 Mozzjonijiet

21.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 21.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

21,11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:50 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 31 ta' Lulju, 2023.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv